Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR EMAN HAYMAN) VS FREDRICK DALLI

(KSUR TA' KUNDIZZJONIJIET TA' DIGRIET TAL-HELSIEN MILL-ARREST – KAP. 9 ARTIKLU 579(2)(3))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**4 ta' Settembru 2020**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat l-akkużi maħruġa kontra Fredrick Dalli ta' 37 sena, iben Carmel u Alfreda nee' Barbara li twieled ġewwa l-Pietà' nhar it-12/11/1982 residenti fil-fond Flat 4B, Triq Manuel Magri, Ħamrun u detentur tal-karta ta' l-identità' 619882M ("l-Imputat" jew "id-Difiża"),

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Eman Hayman
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Mario Mifsud,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat taħt arrest fis-seduta tal-10 ta' Awwissu 2020 bis-segwenti akkużi:

    a. talli nhar it-3 ta' Awwissu, 2020 għall-ħabta ta' 18:15hrs ġewwa Bormla kiser kundizzjoni imposta fuqu b'digriet datat l-1 ta' April, 2020 mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Imħallef Dr. Giovanni Grixti LL. D u li permezz tieghu ngħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jersaqx lejn il-Birgu, l-Isla u Bormla.

b. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser kundizzjoni imposta fuqu b'digriet datat l-24 ta' Lulju, 2019 mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. Charmaine Galea LL. D u li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jersaqx lejn il-Birgu, l-Isla u Bormla.

2. Il-Qorti ġiet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija ksur ta' kundizzjonijiet, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-imsemmi Fredrick Dalli jibqa' jinżamm arrestat kif ukoll tordna li s-somom ta' 6,000 Ewro u 6,000 Ewro rispettivament bħala depożitu w garanziji personali sabiex jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

3. Il-Qorti ġiet mitluba wkoll titratta lil Fredrick Dalli bħala persuna reċidiva meta ġie issentenzjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Oltre s-seduta fejn inżammet il-preżentata, inżammu żewġ seduti oħra, fl-24 ta' Awwissu 2020 u fl-1 ta' Settembru 2020.

5. Dan il-każ jittratta l-allegat ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest mill-imputat. Permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti fl-24 ta' Lulju 2019 (mill-Onor Maġistrat Charmaine Galea) l-imputat ġie mogħti l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest *inter alia* bil-kundizzjoni illi ma' jersaqx lejn il-Birgu, l-Isla u l-Bormla u illi jiddepożita fil-Qorti s-somma ta' €1,000 oltre garanzija personali ta' €5,000[1]. Permezz ta' digriet ieħor mogħti mill-Qorti Kriminali fl-1 ta' April 2020 (mill-Onor Imħallef Giovanni Grixti) l-imputat ġie mogħti l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest *inter alia* bil-kundizzjoni illi ma' jersaqx lejn il-Birgu, l-Isla u l-Bormla u illi jiddepożita fil-Qorti s-somma ta' €1,000 oltre garanzija personali ta' €5,000[2].

**L-artikoli applikabbli tal-liġi**

***Il-Kodiċi Kriminali (Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta)***

6. L-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi kif ġej:

---

[1] Fol 13
[2] Fol 14-15

'579. (1) Jekk l-imputat jew akkużat jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmiia fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, jew jinħeba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja il-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' xi persuna oħra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta, u, barra minn dan, jiġi maħruġ mandat ta' arrest kontra tiegħu:

Iżda din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja.

(2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest, u l-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna. Il-proċedimenti għal reat taħt is-subartikolu (2) għandhom jittieħdu mill-Pulizija u jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza.

(4) Il-Pulizija tista' tidħol f'kull fond sabiex tiżgura li l-kondizzjonijiet imposti mill-qorti kif ingħad fis-subartikolu (1) ikunu qegħdin jiġu mħarsa. Il-Pulizija tista' wkoll tarresta mingħajr mandat kull persuna suspettata b'reat taħt is-subartikolu (2).'

7. L-Artikoli 49(1) u 50 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdu kif ġej:

'49. (1) Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.'

'50. Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.'

**Provi tal-Prosekuzzjoni: PS 583 Evan Grech, PC 1055 Mark Delia u PC 381 Jonathan Farrugia**

8. **PS 583 Grech**, stazzjonat fl-Ghassa ta' Bormla, xehed fis-seduta tal-10 ta' Awwissu 2020 illi nhar it- 3 t' Awwissu 2020 ghall-habta tas- sitta u kwart huwa u PC 1055 flimkien ma' PC 889 kienu ghaddejjin minn gewwa Triq l-Oratorju, Bormla, waqt li kienu xoghol. Kif kienu ha jiksru 'l isfel lejn Triq L- Oratorju nnutaw karozza Peugeot 306 Talbot blue gejja lejhom bin-number plate CBJ 198. Kif gew wicc imb' wicc raw li kien Frederick Dalli. Dak il-hin Frederick irriversja u saq lura lejn Triq il-Mithna, Bormla. Ma kienx libes seat belt u kien bla flokk ukoll. Ghall-habta tas-sebgha u nofs regghu ghaddew minn Triq John Pace u nnutaw li kien hemm l-istess vettura pparkjata fl- istess triq. Kif waqfu hdejha, fi Triq il- Gendus, Bormla, regghu raw lil Frederick li kien qed iserrah ma' railing tal- hadid u kien qed jitkellem ma' grupp ta' nies. Nizlu lura lejn l-ghassa u PS 583 nfurma bl-akkadut lill-Ispettur Eman Hayman. Fis- 6 t' Awwissu l-Pulizija inkluz l-ispettur Eman Hayman baghtu ghal Frederick biex jehdulu l- verzjoni tieghu u dan innega li kien hu. Sussegwentement il-Pulizija tawh il-*Police Bail* qabel ma' tressaq taht arrest fl-10 ta' Awwissu. Meta gie mistoqsi 'l ghala l-ewwel darba li raw lill-imputat ma' waqqfux u tah citazzjoni galadarba kien bla seat belt u zaqqu barra, PS 583 wiegeb illi ma' setax jaghmel dan ghal l-imputat kien lahaq irriversja lura u huma kienu diga gibdu 'l quddiem lejn Triq l- Oratorju. Mistoqsi imbaghad 'l ghala t-tieni darba li raw lill-imputat ma' marx fuqu u arrestah dak il-hin, ix-xhud wiegeb li huwa ried jinforma lill-Ispettur Hayman l-ewwel. Finalment ix-xhud ghal darba, darbtejn, tlieta kkonferma illi l-persuna li raw kien l-imputat u hadd izjed.

9. **PC 1055 Mark Delia**, stazzjonat fl-Ghassa ta' Bormla, xehed fis-seduta tal-10 ta' Awwissu 2020 illi nhar it-3 t'Awwissu kien qieghed dettaljat night watch xoghol Bormla. Waqt li kien fil- vettura flimkien mas-Surgent PS 583, u PC 889 fi Triq L-Oratorju Bormla inzertaw lil Fredrick Dalli li kien qieghed isuq il-vettura tal-ghamla Peugeot bluna. Huwa gharaf lill-imputat fl-awla. Kif appena dahlu fi Triq l-Oratorju ghax kienu qeghdin f' kisra huma waqfu jistennewh sabiex jinzel lejhom pero' l-vettura qatt ma' avvicinitahom u rrizulta li hu rriversja lura. Ghaldaqstant komplew fuq xogholhom. Ghadda ftit tal- hin, regghu telghu fl-istess akwati ghall-habta tas-sebgha u nofs (19:30) u regghu lemhu lill-istess persuna li kien qieghed iserrah ma' railing tat-tarag din id- darba fi Triq il- Gendus Bormla. Komplew fuq xogholhom u infurmaw lill- Ispettur Hayman li min-naha tieghu ordna li jsir l- arrest tieghu. Pero' meta regghu telghu fil-post ma' setghux isibuh lill-istess persuna. Meta x-xhud gie mistoqsi 'l ghala meta allegatament regghu raw lill-imputat fis-7.30pm ma' marrux

fuqu biex jarrestawh, huwa wiegeb li l-ewwel riedu jinfurmaw lill-Ispettur biex jiehdu l-ordni minghandu.

10. Fis-seduta tal-24 ta' Awwissu 2020, xehed **PC 381 Jonathan Farrugia**, stazzjonat fl-Ghassa ta' Bormla, li nzerta kien fis-shift ta' filoghdu (bejn is-6am u s-6pm) tat-3 ta' Awwissu 2020. Huwa xehed illi dakinhar gew infurmati li kien hemm habta gewwa l-bajjar tar-Rinella bejn zewg karozzi u li kien hemm xi karozza qeghda taghlaq xi lane. Huwa mar fuq il-post u kejjel il-karozzi halli l-lane tkun tista' tinfetah normali. Jghid illi kienu l-erbgha u nofs u hamsa ezatt u prezenti kien hemm ukoll Fredrick Dalli ghalkemm dan ma' kellu x'jaqsam xejn mal-incident. Huwa kien liebes flok tac-cingi u shorts u kien qieghed fill-bajja ma' xi familjari tieghu.

**Provi tad-Difiza: l-imputat, Nazzareno Dalli, Charlotte Pace, Marsil Abdilla**

11. Fis-seduta tal-1 ta' Settembru 2020 xehed l-imputat **Fredrick Dalli** li qal illi fid-data u l-hin in kwistjoni huwa kien gol-Bajja tar-Rinella fejn bhas-soltu jingabar biex jaghmlu barbeque mal-familjari tieghu. Dakinhar mieghu kien hemm Kurt David Azzopardi, Nazzareno Dalli, Marsil Abdilla u kien hemm ukoll martu (separata minn mieghu) Josette Azzopardi li kienet hemm sabiex jippruvaw jirrangaw flimkien is-sitwazzjoni ta' bejniethom. Kienet hi l-persuna li kienet qed issuq il-vettura u li kienet involuta fil-habta. L-imputat xehed illi l-habta grat ghal xi 4.30-5pm. Xehed illi ghal xi 7.30-8pm huma waqfu mill-barbeque peress illi hu u xi nies ohra jrid jirrinkazaw ruhom qabel id-9pm b'ordni tal-Qorti. Xehed illi ma' kienx hu l-persuna li raw il-Pulizija u li filfatt dakinhar kien huwa stess li cempillhom biex jiehu permess sabiex jattendi funeral l-Bormla, liema permess pero ma' kienx inghatalu. Xehed ukoll illi sakemm kien il-habs detenut b'rabta ma' dan il-kaz il-karozza li allegatament rawh isuq biha kienet involuta f'serqa u l-persuna li kien qed isuqha kien certu Martin Xuereb.

12. Fl-istess seduta xehed ukoll huh l-imputat, **Nazzareno Dalli**, li qal illi dakinhar, bhal dejjem, huwa kien flimkien ma' huh l-imputat gewwa l-Bajja tar-Rinella. Xehed fuq l-incident zghir li kien hemm u kkonferma illi huwa baqa' ma' huh sa' xi t-tmienja ta' filghaxija u kien hu li wasslu lura d-dar.

13. Xehdet ukoll fl-istess seduta **Charlotte Pace** li qalet illi hija kienet gharusa ma' hu l-imputat (u prezentement mat-tifel tal-istess imputat) u kienet prezenti, bhal dejjem, mal-familjari Dalli fid-data u l-hin in kwistjoni gewwa l-Bajja tar-Rinella. L-imputat kien prezenti hemmhekk. Tiftakar l-incident bil-karozza izda bhala hinijiet ma' ftakritx ghajr illi kienet niezla x-xemx meta telqu lura lejn id-dar u sa' dak il-hin l-imputat kien hemmhekk.

14. Xehed finalment fl-istess seduta **Marsil Abdilla,** iben Nazzareno Dalli, li essenzjalment ikkonferma illi huwa kien prezenti fil-Bajja tar-Rinella meta kien sehh l-incident u li kien flimkien ma' missieru Nazzareno u ma' zijuh l-imputat. Jghid li hu u l-familja tieghu hemmhekk prattikament ikunu kuljum. L-izjed li rah jallontana kien bil-pass meta l-imputat mar jixtri l-gelati mill-kiosk li jinsab fir-Rinella. Il-barbeque spicca ghal xi 7.30pm jew 8pm.

**Kunsiderazzjoni tal-Qorti dwar il-htija**

15. Il-Qorti tinsab iffaccjata b'xhiedha kontrastanti ghall-ahhar: fuq naha wahda ghandek ix-xhiedha tal-Prosekuzzjoni PS 583 Evan Grech u PC 1055 Mark Delia illi lkoll sahqu illi raw lill-imputat ghal darba darbtejn fit-toroq tal-Bormla ghal xi 6.15pm u xi 7.30pm fit-3 ta' Awwissu 2020, u fuq naha ohra ghandek ix-xhieda tad-Difiza fosthom l-imputat u l-familjari tieghu illi sahqu illi huma kienu mal-imputat gewwa l-Bajja tar-Rinella f'dawk il-hinijiet u li allura ma' kienx hu l-persuna li kienu raw il-Pulizija gewwa l-Bormla. Ix-xhud l-iehor tal-Prosekuzzjoni **PC 381 Jonathan Farrugia** jikkonferma illi l-imputat kien gewwa l-Bajja tar-Rinella mal-familjari tieghu fit-3 ta' Awwissu 2020 ghal xi 4.30pm meta kien gie mghajjat fuq il-post wara li kien sehh accident bejn zewg vetturi. Fejn kien l-imputat wara dan il-hin pero l-istess xhud ma' setax jghid ghaliex ma' kienx prezenti.

16. Il-Prosekuzzjoni argumentat fit-trattazzjoni finali illi l-Qorti ghandha tiskarta x-xhiedha tad-difiza ghaliex dawn ma' eskludewx illi qatt ma raw lill-imputat jallarga minn hdejhom dakinhar tat-3 ta' Awwissu 2020 filghaxija u li fix-xhiedha taghhom ma' kienx hemm dik il-kontinwita' u c-certezza fil-hinijiet bhala ma' kien hemm fix-xhiedha tal-Prosekuzzjoni. Id-Difiza tghid li dan m'huwiex il-kaz u jekk xejn din in-nuqqas ta' certezza fil-hinijiet kienet timmilita favur l-istess imputat u kienet indikazzjoni cara illi x-xhiedha kienu onesti u li ma' kienux gew mharrga minn qabel dwar kif ghandhom jixhdu.

17. Fis-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef* deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

    *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja"*.

    L-istess Qorti pprovdiet ukoll fil-kawza *Pulizija vs. Joseph Thorn* (deciza fid-9 ta' Lulju 2003) illi:

*"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"*

18. Din il-Qorti jidhrilha illi ma' hemm xejn x'ticcensura fix-xhieda mressqa mid-Difiza, li ghalkemm forsi mhux kolti u mirquma daqs dawk ipprezentati mill-Prosekuzzjoni, kienu konsistenti fuq fatt wiehed importanti: illi fit-3 ta' Awwissu 2020 bejn is-6pm u t-8pm l-imputat kien gewwa l-Bajja tar-Rinella u mhux gewwa l-Bormla kif indikaw il-pulizija. Il-Qorti ma' taqbilx mal-Prosekuzzjoni illi x-xhieda tad-difiza ma' setghux jeskludu illi fl-ebda hin ma' allargax minn fuq il-post l-imputat. Bil-maqlub, x-xhieda kollha tad-difiza kkonfermaw illi sakemm kienu hemm huma, l-imputat kien prezenti ukoll u l-izjed li seta' allarga kien meta mar bil-mixi sabiex jixtri l-gelati mill-kiosk li jinsab fil-Bajja tar-Rinella.

19. Fil-kamp kriminali l-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli u f'dan il-kaz, ix-xhiedha mressqa mid-difiza, ihallu dubbji izjed milli ragjonevoli f'mohh il-gudikant.

20. Il-Qorti trid tissottolinea ukoll illi tinsab perplessa kif ghal darba darbtejn PS 583 Evan Grech u PC 1055 Mark Delia naqsu milli jarrestaw minnufih lill-imputat meta allegatament huma rawh gewwa l-Bormla. Jekk l-ewwel darba li rawh (ghal xi 6pm) ma' setghux iduru lura bil-vettura ghal xi raguni jew ohra, fit-tieni darba huma kellhom kull cans jarrestawh meta allegatament kien bilwieqfa iserrah ma' xi hadid fi Triq il-Gendus, Bormla. Ma' taghmel xejn sens id-dikjarazzjoni tal-Pulizija illi huma riedu jistennew is-signor si mill-Ispettur qabel ma' jagixxu. Dan mhuwiex dak li tghid il-ligi! Filfatt l-Artikolu 579(4) tal-Kap. 9 jipprovdi illi:

*'(4) Il-Pulizija tista' tidħol f'kull fond sabiex tiżgura li l-kondizzjonijiet imposti mill-qorti kif ingħad fis-subartikolu (1) ikunu qegħdin jiġu mħarsa. Il-Pulizija tista' wkoll tarresta mingħajr mandat kull persuna suspettata b'reat taħt is-subartikolu (2).'*

u inoltre fl-Artikolu 355AE(1) tal-Kap. 9 jinghad b'mod car illi:

'*355AE. (1) Meta uffiċjal tal-Pulizija jarresta lil xi persuna f'post li ma jkunx Għassa tal-Pulizija, il-persuna arrestata għandha tittieħed fl-eqreb Għassa u meta l-uffiċjal li jagħmel l-arrest ikun uffiċjal ta' grad inqas minn dak ta' spettur huwa għandu minnufih jirrapporta l-arrest lil uffiċjal mhux inqas mill-grad ta' spettur*.'

Ghalhekk il-Pulizija in kwistjoni kellhom kull dritt u dmir illi jarrestaw minnufih lil dik il-persuna li huma qisu bhala li kien l-imputat u jehduh maghhom l-Ghassa tal-Bormla u mhux joqoghdu jistennew xi permess biex jaghmlu dan.

**Deċiżjoni**

21. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma' ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontrih u ghaldaqstant tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

V.G. Axiak | M. Azzopardi

Maġistrat | Dep. Reġistratur